



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15575/23

EMPL 567
SOC 792
ANTIDISCRIM 189
FIN 1177

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15364/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri – "Nappoġġaw lill-persuni b'diżabilità"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Novembru 2023.

**Rapport Speċjali Nru 20/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri –
"Nappoġġaw lill-persuni b'diżabilità"**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali dwar l-Appoġġ għal persuni b'diżabilità ppreżentat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), ippubblikat fit-12 ta' Ottubru 2023, li sar disponibbli wkoll għal persuni b'diżabilità intellettuali f'verzjoni faċli biex tinqara, u bit-titlu "Nappoġġaw lill-persuni b'diżabilità – L-impatt prattiku tal-azzjoni tal-UE huwa limitat"¹.
2. JAFFERMA l-importanza li jiġu appoġġati l-persuni b'diżabilità madwar l-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD), li daħlet fis-seħħ għall-UE fit-22 ta' Jannar 2011, u li ġiet iffirmata u ratifikata mill-Istati Membri kollha.
3. JISSOTTOLINJA d-dritt taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dritt tagħhom għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità².
4. IFAKKAR fl-impenn biex tittejjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea, kif jinsab fl-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, li ntlaqgħet tajjeb u ġiet approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni futura tal-Kunsill u tal-Istati Membri dwar inizjattivi konkreti li jimplimentaw l-Istrateġija³.

¹ Dan ir-Rapport Speċjali u l-verzjoni faċli biex tinqara tiegħu huma disponibbli fuq is-sit web tal-Qorti: <http://eca.europa.eu>.

² Artikoli 19 u 21 TFUE.

³ Dokument 9749/1/21 REV 1.

5. IFAKKAR li, fl-Istrateġija tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat qafas komprensiv u ambizzjuż imfassal biex itejjeb il-ħajja ta' persuni b'diżabilità fl-UE u lil hinn minnha u biex jadvanza l-implimentazzjoni tal-UNCPRD. L-oġġettiv ta' din l-Istrateġija huwa li jsir progress biex jiġi żgurat li l-persuni kollha b'diżabilità jgawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom, u jkollhom opportunitajiet indaqs, kif ukoll aċċess ugwali biex jipparteċipaw fis-soċjetà u fl-ekonomija, u jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament fl-Unjoni Ewropea, ħielsa mid-diskriminazzjoni.
6. JENFASIZZA l-importanza tal-isforzi u l-miżuri meħuda mill-Istati Membri kollha biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità, u r-rwol tal-Kummissjoni fl-appoġġ għal dan il-proċess, filwaqt li JTENNI r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri f'dan il-qasam.
7. JISĦAQ li l-implimentazzjoni ta' politiki komprensivi li jappoġġjaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż in-nisa u l-bniet b'diżabilità, madwar l-UE ser tagħmel lill-UE aktar inklużiva u parteċipattiva, filwaqt li tagħmel lis-soċjetà aktar ġusta u ugwali.
8. IQIS li l-implimentazzjoni tal-miżuri li għandhom l-għan li jggarantixxu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità huma prijorità għall-futur tal-Unjoni Ewropea, u ser jgħinu biex jitnaqqsu d-distakk fl-impjiegi u r-riskju tal-faqar li jaffettwa lill-persuni b'diżabilità.
9. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-implimentazzjoni ta' aċċessibbiltà sħiħa fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri f'konformità mal-UNCPRD bħala prerekwiżit għal soċjetà inklużiva u ekwa.
10. JENFASIZZA l-importanza u r-rilevanza tar-Rapport Speċjali Nru 20/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

11. JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet konklużivi li jinsabu fir-Rapport Speċjali, li bihom il-Kummissjoni għandha, fil-fehma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, b'mod partikolari:
- a) Tikseb data aktar komparabbli madwar l-Unjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità f'termini ta' kopertura, granularità u frekwenza bħala waħda mill-bażijiet għall-kejl tal-impatt u l-effettività tal-politika tal-UE li għandha l-għan li tiżgura drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità.
 - b) Tagħmel progress fir-reviżjoni u l-adozzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE biex tiġi żgurata l-konformità mal-UNCPRD.
 - c) Taħdem lejn ir-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità għal soġġorni qosra fl-Istati Membri tal-UE, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
 - d) Tkejjel u tirrapporta l-progress lejn l-impjieg ta' persuni b'diżabilità fl-istituzzjonijiet tal-UE u tirrapporta dwar il-progress b'mod regolari b'rispett sħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, billi tqabbel d-data tagħhom stess ma' informazzjoni komparabbli fil-livell tal-UE, u fejn fattibbli anke fil-livell tal-Istati Membri.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, biex

12. Taħdem mal-Istati Membri biex tneħħi l-ostakli sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-dritt għall-moviment liberu, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u s-sistemi differenti fl-Istati Membri.
13. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jissodisfaw rekwiżiti bħall-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-implimentazzjoni tal-UNCRPD u r-rakkomandazzjonijiet mis-Semestru Ewropew meta jiġu implimentati l-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027.
14. Taħdem mal-Istati Membri biex tikseb data diżaggregata aktar komparabbli dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità u biex ittejjeb il-kwalità ta' tali data.
15. Taħdem mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex tkejjel u tirrapporta l-progress li jsir lejn l-impjegar ta' persuni b'diżabilità fl-istituzzjonijiet tal-UE.
